





# ILMA U ARKEOLOĠIJA RUMANA FIL-BELT MELITA



Il-Belt Melita (ir-Rabat) toffri studju interessanti kemm għall-provvista tal-ilma kif ukoll għall-arkeoloġija tagħha. Bniedem li studja ferm f'dan il-qasam hu proprju Patri Eugene Paul Teuma, Franġiskan Konventwali, li jsostni li sa minn età ċkejkna kien iffissat biex ikun jaf dejjem aktar fuq il-fortifikazzjonijiet Rumani tal-lokal, għax ftit kien hawn tagħrif fuqhom.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Patri Eugene, kif bdejt it-tiftix tiegħek?**

Kont student ir-Rabat. Kont nitkellem mar-Rabtin u kulħadd isemmili fuq bir 'l hawn u bir 'l hemm u li hemm sistemi tal-ilma magħqudin flimkien.

**Bjar bħal tad-djar?**

Bjar kbar. Ġieli fondi fuq it-12–il metru. Eventwalment, sibt id-daħla għalihom miż-żuntier tal-knisja tar-Rabat. Kont tlabt lill-Kappillan biex ninżel nara xi xelters u sibt fetħa u kanal tal-ilma. Ġbart grupp ta' ħbieb, inżilna u mxejna s-sistema kollha f'direzzjoni partikolari. Innutajna li kien hemm frekwenza ta' bjar, li prattikament kienu fl-istess distanza.

**Tista' tinżel fihom faċilment?**

In-nies għad għandhom aċċess u eventwalment, meta ppubblikajt l-istudju tiegħi, anki membri mid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Ilma, fittxewni għall-problemi li sabu bl-infiltrazzjoni tad-drenaġġ. Spjegajtilhom 'il fejn kien qed jaqleb l-ilma u identifikaw il-ħsara. Dawn il-bjar għadhom protetti mit-Taqsima tal-Ilma u s-sistema tagħti l-ilma lil erba' funtani: tnejn tas-Saqqajja, dik ta' Għeriexem u lil ta' Ħammiem.

**X'ismijiet dawn!**

Interessanti li kollha għandhom terminu Għarbi, li llum u anki sa mill-Medju Evu, konna diġà tlifna s-sinifikat tagħhom. Għax ħafna nies, 'Ħammiem' jirreferu għalih bħala 'Ħamiem', meta Ħammiem huma banjijiet Torok jew Rumani u jindikaw li fil-viċin, kien hemm banjijiet Rumani.

'Għeriexem' hu l-plural ta' Għarix; jiġifieri postijiet fejn in-nies kienu jgħixu f'sistema ta' binjiet imsaqqfin biz-zkuk u l-ħaxix. Mhux bogħod minn Għerixem, meta twaqqa' razzett instab sit li jikkorrispondi ma' dan it-tip ta' bini.

Imbagħad għandek 'Saqqajja'. Is-Saqqajja hi l-funtana fid-daħla ta' kull pajjiż Għarbi Musulman, li tagħtik id-direzzjoni lejn Mekka. Mela, jekk int u dieħel il-Belt u wasal ħin it-talb, tħares lejn l-oppost tal-faċċata tal-funtana, din tagħtik id-direzzjoni lejn Mekka. Barra minn hekk, is-Saqqajja hi s-sistema ta' kanali fil-ġebla li jwasslu l-ilma fl-għelieqi. F'Malta nafuhom bħala tas-saqwi (swieqi).

Issa l-idea li ħriġt biha kienet li s-sistema saret b'mod li l-ilma kien jgħaddi mill-kanali għall-funtani. Uħud mill-kanali jmorru lejn l-Għeriexem, oħrajn lejn is-Saqqajja u wkoll lejn il-funtani ta' Ħammiem. Dan hu skont is-sistema orjentali Għarbija minn sekli qabel. Jiġifieri l-eqdem sistema ta' ilma li għandna, hi l-belt ta' Persepulis, li kienet il-kapitali tal-Imperu Persjan.

Hemm, il-kanali tal-ilma jiġu minn mijiet u mijiet ta' kilometri bogħod, għax hi belt mibnija proprjament f'nofs id-deżert, u s-sistema jgħidulha Qanat. Issibha fit-Tuneżija u fi Spanja. Issa, wieħed mhux itella' l-ilma mill-bir, iżda l-ftuħ li jkollok fuqhom iservi biex iċċirkola l-arja u l-ilma jimxi lejn fejn għandu jasal.

Mela s-sit ta' Għeriexem hu l-punt ta' fejn qed joħroġ l-ilma, u jagħmel sens, għax min jibni l-villaġġ tiegħu, kien ifittex post mnejn joħroġ l-ilma: jew funtana jew mill-blat.

Il-kwistjoni kienet li dawn il-bjar li konna qed naraw, kienu rettangulari u maqtugħin fuq l-istess prinċipju tal-oqbra Puniċi. Fit-terminu Ruman ta' dik li hi s-sistema tal-ilma, jgħidulhom Putei u ma kinux qed jagħmlu sens għalija meta fis-snin 80 kont għadni fil-bidu tal-istudju tiegħi, u l-kunċett tal-Qanat kont għadni nidħol fih. Għalhekk ma kellix idea ċara ta' x'setgħu kienu.

Niftakar għamilt studju li ppreżentajt lis-Soċjetà tal-Istorja (Malta Historical Society) u ġie stampat fl-2003. Illum għandi ħafna aktar materjal fuqu u l-artiklu dettaljat ġie kkwotat minn ħafna magazini u kotba barranin, għax billi qiegħed fuq sit internazzjonali, għandhom aċċess għalih diversi kittieba u speċjalisti u hu kkwotat f'diversi papers internazzjonali bħala xogħol fuq Qanat.

Is-sistema Qanat ma kinitx maħsuba biex jittella' l-ilma mill-bjar. Għalhekk meta tittawwal f'bir, litteralment tara t-tajn, għax l-ilma kien jibqa' miexi. Dak hu l-kunċett tal-Qanat.

**U l-kuritur wiesa'?**

Ma tantx. Forsi żewġ piedi wiesa' b'għoli ta' tliet piedi u nofs.

**U l-ilma mnejn kien jiġi?**

Dik biċċa oħra. Fis-sistema

tal-Qanat, il-kurituri jgħidulhom Qattara, għax meta tħaffer fil-franka speċjalment, il-blat ikun mimli bl-ilma u meta jħoss l-arja, jibda jifforma qtar. Dak iż-żmien ma kienx hawn l-internet. Kont tirriferi għall-kotba, u jien tajthom it-terminu ta' weeping walls, għax qishom idemmgħu, iżda l-proprju hu qattara, għax l-ilma qed jiġi mill-ħajt u jinġabar fin-nofs. L-ammont ta' ilma li jinġabar f'Għeriexem kien qed jipprovdi parti sostanzjali mill-ilma tal-Akkwadott ta' Wignacourt.

**Għax l-ilma tal-Akkwadott minn hemm ġie, hux tassew?**

L-ilma tniżżel minn għajn f'Ħad-Dingli, għax meta Ġann Franġisk Abela ddeskriva x-xogħol li għamlu l-Kavallieri, kiteb: "meta wasalna għal dan l-għar, sabu strutturi Rumani, li juru li r-Rumani kienu diġà qed jieħdu l-ilma minn dak l-għar biex iwassluh għall-belt tagħhom ta' Melita.

Meta tgħaddi minn ħdejn l-Għajn tal-Għeriexem, issib reservoir. Jidher kważi fl-istat oriġinali tiegħu, għalkemm seta' kellu xi modifikazzjoni fil-perjodu Ingliż.

Interessanti li xi żmien ilu, studentessa għamlet teżi u qaltli li sabet il-aħħar xogħol li għamel l-Inġinier Mederico Blondel kienet, li tqabbad mill-Kavallieri jara għaliex twaqqaf l-ilma mir-Rabat. Kien żmien partikulari meta ma kinitx għamlet wisq xita.

Hu daħal fil-kanali, sab li kienu qed jipprovdu l-ilma, iżda xi individwi kienu ħolqu modifiki, iddevjawh u ħaduh fil-bjar tagħhom biex isaqqu l-ġonna. Terġa', bnew ħitan tat-tafal u magħhom waħħlu santi tal-qaddisin. L-inġinier, li ra dan, bagħat lill-ħaddiema jneħħu kollox. Dawk qalulu li jekk ineħħu s-santi, jiġu skomunikati. Għalhekk żarma kollox hu. Iżda sfortunatament, jingħad li qabditu bronko pulmonite u miet. Kulħadd beda jgħid li ġralu hekk għax neħħa s-santi.

Biss, hemm perjodi partikulari li fihom wieħed għandu jmur, għax hemm ċerti differenzi. Jiġifieri kien hemm żminijiet fejn konna noqogħdu attenti, għax f'ċerti postijiet li nżilt, il-karti li kien ikolli biex nagħmel id-disinji, kont narahom isiru ilma f'idejja stess minħabba l-umdità għolja.

**Intom dħaltu fil-bjar ukoll?**

Is-sistema hi magħquda u trid tispjegaha b'ċerti disinji, għax oriġinarjament ma kinitx Qanat. Kienet akkwadott Ruman li qed iservi t-torrijiet tal-belt Rumana. Is-sistema tal-ilma kienet iddur madwar l-erba' kantunieri tal-belt Melita. Il-bjar kienu jinżlu aktar fil-fond mill-kuritur mnejn illum jgħaddi l-ilma. Il-kurituri kellhom passaġġ li jdur minn wara l-bir (putei). Oriġinarjament dan kien iservi għall-ħaddiema waqt manutenzjoni u mhux għall-ilma.

Min-naħa l-oħra kienet sistema difensiva, għax id-daħliet ta' dawn il-u-bends huma kważi moħbija. Jiġifieri jekk imur xi ħadd li ma jkollux l-idea tagħhom, jaqa', għax ġeneralment it-tendenza f'bir hi li tħares 'il fuq u tibqa' miexi... u tispiċċa isfel. Għalhekk kienet sistema difensiva anki għas-sistema tat-torrijiet.

**Biex tinżel fihom, ridt xi slielem?**

Hemm it-toqob fil-ħitan għal hekk. Il-bjar kollha, jekk tara s-sistema tal-Qanat, meta tidentifikahom bħala sistema orjentali jew Għarab – huma tondi. U l-partikularità li laqtitni kienet li dawn kienu rettangulari b'wisa' ta' xi pied u nofs, tul ta' xi ħames piedi u nofs u kull waħda mgħottija bi tliet jew erba' kaptelli ħoxnin ta' xi pied. Dawn huma maqtugħin bl-istess teknika tal-aħħar oqbra Puniċi, li jitħaffru fil-fond, u jkollok kamra f'ġenb u ġieli oħra finnaħa l-oħra.

Iżda l-ħaddiema kienu jirranġaw il-ħsara fil-bjar, mhux iqattgħu iktar. Għax jekk iqattgħu se jaqgħalhom xi materjal fl-ilma.

Le, mhux se jaqa' għax l-ilma jibqa' għaddej minn ġol-blat xorta waħda. U setgħu jħaffru aktar, basta ma jinżlux taħt il-livell tat-tafal. Jien il-livell tat-tafal sibtu u sibt sistema fejn jispiċċa wieħed missett tal-bjar, għax li skoprejt kien, li fil-fatt hemm żewġ sistemi indipendenti u probabbilment hemm it-tielet wieħed, għax minkejja li l-belt kienet waħda Rumana, kienet mibnija fuq prinċipji Feniċi. Ir-Rumani kienu jibnu belt b'ħajt wieħed ta' difiża. U l-belt ta' Melita kellha tliet ħitan. Jiġifieri meta r-Rumani bnew il-belt ta' Melita, bnewha b'sistema ta' tliet ħitan, li hi teknika Feniċa. U tagħmel ħafna sens, għax meta r-Rumani kienu qed jiġġieldu ma' Kartaġni fit-tieni gwerra ta' Kartaġni kontra Ruma, il-Feniċi ta' Melita alleaw ruħhom mar-Rumani. B'hekk ir-Rumani ħadu lil Malta. Iżda l-Feniċi ma ġewx sottomessi. U din hi l-importanza tal-arkeoloġija, għax minn fdalijiet arkeoloġiċi u arkitettoniċi tifhem aspetti storiċi, li dokumentazzjoni tagħhom m'għandniex.

Sat-tielet seklu wara Kristu, l-arkitettura f'Malta tibqa' tipikament Feniċja, anki jekk l-istrutturi huma ta' xejra Rumana.

Issa għal kważi 100 sena, Malta kienet fl-aktar punt avvanzat qabel Kartaġni u l-portijiet tagħha kienu imprezzabbli. Jiġifieri meta ġew biex jibnu l-Belt Melita, bnewha fuq kunċett Feniċju, u b'tali mod li jekk jiġu assedjati mill-Kartaġiniżi, iżommu aktar fit-tul, bil-bini tat-tliet ħitan, fi żmien ir-Rumani. U l-kunċett interessanti l-ieħor kien il-foss. Mhux normali li r-Rumani kienu jibnu foss wiesa' u fond mal-fortifikazzjonijiet tagħhom. Kienu jħaffru gandott ta' ftit piedi fond 'il bogħod mill-ħajt tal-belt, biex iħallu lill-armata tal-għadu taqbżu u joħorġu għaliha, b'mod li l-għadu ma setax jirtira.

Il-foss Ruman li għandna fi Triq Santa Rita hu 30 metru wiesa' b'10 metri fond. Sas-seklu li għadda kien hemm parti sostanzjali minnu għadha tidher, iżda meta fl-2011 bdew jagħmlu xi xogħlijiet f'parti fejn l-istoriċi Abela u Ciantar kienu jgħidu li kien hemm wieħed mill-bibien tal-belt, kont intervjenejt. Il-ħaddiema ħaffru fil-foss għal aktar minn 10 metri iżda ma sabux il-blat tal-qiegħ.

Jiġifieri l-foss tal-Belt Valletta, int u dieħel minn Putirjal, jagħtina idea tal-wisa' u l-fond. Oriġinarjament kien jinżel qisu 10 sa 15–il metru. Imbagħad kienu l-Kavallieri li baqgħu jaqtgħu biex niżżluh fil-fond li hu.

**Allura nerġa' għall-ilma. L-ilma li kien jinġabar Malta, kien biss tax-xita?**

Hi ħaġa interessanti. Mill-istudji li għamilt ix-Xemxija fuq is-siti arkeoloġiċi, hu kważi impossibbli li qatt issib bjar tal-perjodu Ruman jew Feniċju. Idea possibbli hi li Malta kellha ammont ta' xita, ħafna iktar milli għandna llum. Jista' jkun ukoll li l-water table kienet iktar fl-għoli.

Biss ir-Rumani ma kinux daqshekk banali, għax dejjem kienu jaħsbu u jibżgħu minn assedju.

Darba, meta fis-snin 70 kont qed nitkellem ma' Mons Ġwann Azzopardi, qalli nipprova nsib il-21 kappella li kienu jagħtu għal fuq il-foss Ruman fir-Rabat. Sallum nikkalkula li sibt 8 minnhom. L-ewwel tnejn li identifikajt kienu swali immensi; 6 metri wisa' b'10 metri tul u s-saqaf mhux mibni, iżda mħaffer fil-blat. Huma swali b'teknika Feniċja-Rumana u jinsabu fl-ispazju tal-ħajt ta' bejn il-ħajt ta' ġewwa u ta' barra tal-belt. Kienu ċisterni, għax il-ħitan tagħhom għadhom miksijin bil-pozzolana (konkos tipikament Ruman).

**Forsi nqerdu fi żmien l-Ingliżi?**

Le. Kemm fi żmien il-Kavallieri u wkoll fi żmien l-Ingliżi, meta kien jinstab xi pedament qadim, kienu jintegrawh mal-ġdid u jħallu jidher xi ġebel minnu. L-istess għamel il-Kunsill tal-Kottonera, għax kemm–il darba ssejjaħt mill-Kunsilli meta jkun hemm xi sit se jaqa'. Iżda għad hawn kunċett inġenerali fost il-poplu li jgħid: "fil-gwerra waqa' kollox." Iżda dan mhux minnu.

L-Ingliżi, wara li ntemmet il-gwerra, ħadu ħsieb li jekk kien hemm palazz jew bini antik li kien għadu konservat u waqgħetlu kantuniera, reġgħu bnewh bl-istess mudell, iżda ħafna drabi n-nies ma josservawx. U meta tidħol fil-post kapaċi ssib ħajt Ruman jew Feniċju integrat f'dik il-binja.

**Il-bjar għall-ilma kienu mibnijin fi spazji ndaqs?**

Le. Sibna li l-bjar li jħarsu n-naħa ta' San Pawl, kienu f'distanza ta' madwar 14–il metru bejn bir u ieħor u f'ċertu punt jaqbeż għal 33 metru. Meta għamilt id-disinji sibt li kollox kien jikkorrispondi mat-tagħrif ta' Ciantar, li fl-akbar distanza kien hemm wieħed mill-erba' bibien tal-belt Melita. U jagħmel sens. Ciantar jindika li l-bibien tal-belt Rumana li kienu erbgħa, kienu jinsabu bi dritt il-kunvent San Franġisk fuq Triq Saura, fejn għad hemm it-torri integrat fl-istess binja; il-knisja parrokkjali ta' San Pawl, bl-istruttura ottangolari li fuqha hemm l-istatwa tal-qaddis; bi dritt il-Kappella ta' San Katald u bi dritt il-kappella ta' Casha fil-bidu ta' Triq Santa Rita.

Il-bibien li naraw fid-daħla tal-Imdina allura ma kinux minn dejjem?

Dak li hu magħruf bħala Greek Gate, insibu fih elementi tipikament Rumani-Biżantini. Meta tħares min-naħa ta' ġewwa tara li f'xi żmien, parti sostanzjali tal-ħajt kienet iġġarrfet. Il-parti mibnija mill-ġdid għandha elementi Għarab Medjevali.

Il-bieb prinċipali oriġinali llum insibuh imbarrat (hu ta' perjodu Għarbi). Mdina Gate tallum ġiet mibnija mill-Kavallieri għall-ħabta tas-seklu 18.